MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 1165/1997/1

Richard Dimech
vs
Ic-Chairman, Bank of Valletta Limited, ghan-nom u in rappresentanza ta’ l-istess Bank of Valletta Limited

It-Tribunal

**RIKORS:**

Illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Gunju 1995, u b’mod aktar preciz fi/jew ghall-habta ta’ Gunju 1990, ir-rikorrent sofra ingustizzja f’li ma nghatax promozzjoni mill-grad ta’ Assistant Manager ghall-grad ta’ Manager I, liema promozzjoni kien jikkwalifika ghaliha, u dana b’mod l-aktar ingust.

Illi l-fatt tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi r-rikorrent kien gie impjegat mal-Bank of Valletta Limited fis-7 ta' Lulju 1976, u dan bhala Clerk I.

Illi r-rikorrent dejjem qeda dmirijietu bl-akbar reqqa, minn dak iz-zmien sal-lum, kif jixhdu bl-aktar mod lampanti, ir-rapporti li saru dwar il-hidma tieghu ta' kull sena.

Illi r-rikorrent minbarra mill-hidma dejjem tajba tieghu, baqa' jistudja u fil-fatt meta gara l-kaz, minbarra diversi "O" Levels u "A" Levels, kellu anke l-'Part One' tal-A.C.I.B., u kien diga jaqdi "d-dmirijiet" ta' "Assistant Branch Manager".

Illi b'effett mill-ewwel ta' Gunju 1990, u b'mod aktar preciz bic-cirkulari li ggib ir-riferenza Personnel 24/90 datata 8 ta' Mejju 1990 (Dok "A"), kienu nhatru diversi persuni mill-grad ta' Assistant Manager ghall-grad ta' Manager I; uhud minn liema persuni kienu anqas kwalifikati mir-rikorrent, kellhom anqas esperjenza fil-grad ta' Assistant Manager, u kellhom ukoll anqas "seniority" minnu.

Illi r-rikorrent gie b'hekk diskriminat minghajr ebda bazi, u anke esplicitament kontra l-kriterji specifikati fil-ftehim Kollettiv dak iz-zmien vigenti;  u l-kaz tieghu kien gie anke mqajjem mill-Union tieghu, il-G.W.U., mal-Management ta' l-istess Bank.

Illi ghaldaqstant, ir-rikorrent jemmen li gie mcahhad minn din il-promozzjoni lilu dovuta ghall-ebda raguni valida u b'mod l-aktar ingust u diskriminatorju, u li minhabba f'hekk bata danni finanzjarji konsiderevoli; u ghalkemm illum lahaq dan il-grad, il-possibiltajiet li hu javvanza fil-karriera tieghu baqghu jigu mizmuma lura ingustament u b'mod l-aktar diskriminatorju u abbuziv.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud, dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab, lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-

Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi:

i) Jigi dikjarat illi r-rikorrent sofra ingustizzja meta huwa b’mod l-aktar ingust gie mcahhad mill-promozzjoni dovuta lilu;
ii) Jigi ordnat illi huwa jinghata l-promozzjoni lilu misthoqqa bid-data b’ lura sa mill-1990, bhal ma nghata haddiehor, bil-beneficcji kollha b’ lura li talli promozzjoni kienet iggorr maghha, u minghajr ma jigi mtellef kwalunkwe dritt spettanti lilu fir-rigward ta’ promozzjonijiet u beneficcji ohra;
iii) Jigi ordnat li jinghata kumpens ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5000) ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

1. It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li mhux minnu li r-rikorrent gie maqbuz kif minnu allegat.

2. Illi inoltre, ghandu jissostanza l-allegazjonijiet tieghu li permezz taghhom jindika illi gew promossi xi persuni illi ma kienux jissodisfaw il-kriterji vigenti fl-ghoti tal-promozzjonijiet indikati.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn qal li fl-1984 sar Supervisor II. Kien gie trasferit ghall-fergha ta' Haz-Zabbar u ghalkemm kien ghadu Supervisor kien gie moghti responsabbilta` ta' Assistant Branch Manager u ta' dan anki kien jiehu 'substitution pay'. Qal li wara kien gie sekondat mal-Malta Counter Trade fejn kellu r-rwol ta' Segretarju tal-Perit Dom Mintoff, li dak iz-zmien kien Chairman tal-Kumpanija u dam hemm sa ftit wara l-elezzjoni ta' l-1987. Zied ighid li f'Marzu 1987 sar Assistant Manager u gie mibghut fil-Branch ta' Hal-Qormi, fejn ukoll kien jaghmel doveri ta' Manager u fil-fatt qal li dak iz-zmien ukoll kien jiehu allowance ta' dan. Semma li wara din il-hidma tieghu kollha baqa' sorpriz kif fil-promozzjonijiet ghal Manager I f'Gunju 1990 kien thalla barra. Semma lil xi persuni bhal Philip Micallef, Raymond Azzopardi, Raymond Aquilina u Anthony Camilleri li kellhom seniority inqas minnu. Ilmenta li jhoss li saret ingustizzja mieghu peress li thalla barra u eventwalment inghata l-grad ta' Manager I fl-1993.

In kontro ezami qal li jaf li l-grad ta' Assistant Manager kien ser jigi abolit b'arrangament bejn il-Bank u l-Union u qal li jaf ukoll bil-formola li kien hemm li jsiru persentagg minn Supervisor II ghal Manager I u persentagg minn Assistant Manager ghal Manager I. Minbarra dawk li kien indika, semma wkoll lil Charles Pearsall u lil Jack Theuma li kienu dahlu l-Bank flimkien mieghu. Izda hu spjega li xorta ghandu seniority iktar minnhom minhabba s-seniority in grade hekk kif jissemma fil-collective agreement li tinsab esebita a fol 54 tal-process. Qal li bhala kwalifiki ghandu 12 O levels, 4 A levels u ACIB part I. Ikkumenta fuq persuni mnizzlin f'dokument a fol 59 u 60 tal-process. Fir-rigward ta' Raymond Aquilina qal li apparti l-kwalifiki ta' Theory of Music ghandu O levels bhalu u A levels iktar minnu u ACIB bhalu. Dan Aquilina ha l-promozzjoni f'Awissu 1987 meta hu hadha f' Marzu 1987. Rigward Philip Micallef qal li ghandu tliet O levels biss u ghalhekk u ghandu seniority u kwalifiki iktar minnu. Fir-rigward ta' Ray Azzopardi dan ha l-promozzjoni f'Mejju 1988 u kull m'ghandu tliet O levels. Qal fir-rigward ta' Anthony Camilleri ha l-promozzjoni f'Awissu 1987 u kull

m'ghandu seba' O levels u zewg A levels jigifieri kellu seniority u kwalifiki iktar minnu.

Fl-Annual performance appraisal reports insibu kummenti pozittivi dwar ir-rikorrent li hu energetiku u jaghmel xogholu sewwa, smart u alert, u responsabbli, reliable u intelligent, jattendi ghad-doveri tieghu u puntwali, excels in Administrative duties, has sound knowledge of branch operations, strong personality, showing leadership qualities u prattikalment tifhir dwaru fir-rapport ta' kull sena.

Xehed Carmel Asciaq Assistant General Manager, li qal li kien hadem fil-fergha ta' Rahal Gdid fl-ahhar tas-snin tmenin u fil-bidu tas-snin disghin. Qal li r-rikorrent hadem tahtu ghal xi erba' snin bhala Head tal-Advances u mbaghad Head tal-Local Department. Qal li l-branch tar-Rahal Gdid hu kunsidrat bhala wiehed mill-kbar. Spjega li hu kien sodisfatt b'xoghol ir-rikorrent u li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ahjar minn dak li kien hemm qablu. Iddeskriva lir-rikorrent bhala wiehed li maljar jadatta ruhu ghax-xoghol u li kellu knowledge tajjeb dwar ix-xoghol tal-Bank. Meta qalbu ghas-sistema tal-Computers kien ir-rikorrent li ha hsieb dan u hadem long hours.

Xehed Alfred Pace Human Resources Manager tal-Bank of Valletta li pprezenta dokument a fol 59 u 60 tal-process fejn hemm informazzjoni dwar seniority u kwalifiki ta' certi persuni. Hu qal li r-rikorrent dahal il-Bank fis-16 ta' Lulju 1976 bhala Clerk, fl-1982 sar Clerk II, fl-1983 sar Supervisor I u fl-1986 sar Supervisor II. F'Marzu 1987 sar Assistant Manager u f'Novembru 1992 sar Manager B u llum hu jinsab bhala Manager A. Spjega li fil-promozzjonijiet ghal Manager I, 60% kellhom ikunu fil-grad ta' Assistant Manager u 40% fil-grad ta' Supervisor II. Semma li fl-1990 kien hemm 12-il-promozzjoni minn Supervisor II ghal Manager I kollha gradwati u minn Assistant Manager ghal Manager I mhux gradwati kien hemm 13. Qal ukoll li l-process tal-phasing out tal-Assistant Manager grade kien wasal fit-tmenin sal-1995. Qal li l-ewwel ezercizzju tal-promozzjonijiet ghal phase-out mill-grad ta' Assistant Manager kien fl-1990. Zied

ighid li l-qbil mal-G.W.U. sabiex jispicca dan il-grad kien sar meta gie ffirmat il-collective agreement jigifieri fl-1988. Qal ukoll li l-ezercizzji l-ohra segwenti sehhu fl-1992 u fl-1995. Spjega li fl-ezercizzju tal-1990 kien gie appuntat kumitat li kien inghata t-terms of reference u ghamel rapport u ghalhekk dawn il-promozzjonijiet tal-1990 kienu sehhu b'dan il-mod kif kienu dejjem sehhew mal-Bank; kien fl-1992 fejn beda jsir process differenti ghall-promozzjonijiet permezz ta' sejha ghall-applikazzjoni u intervista.

Gie ipprezentat affidavit ta' Joseph V. Gatt li fih semma li jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank of Valleta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta' promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f'dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew kkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkunu hallew jew minhabba espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 'il hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta' vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta' promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma' l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tesizti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti l-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassessja l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju

partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***"When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order"*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f'kaz ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'l fuq, il-weighting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata wieghting aktar gholi f' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi t'isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F'kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal Files ta' kull kandidat u jaghti l-marka tieghu ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jisa jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista' jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta’ kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta lil kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta’ dawk li jigu promossi f’kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta’ kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f’kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta’ impjegati. Fil-Bank tezisti gerarkija ta’ gradi li tiehu l-forma ta’ piramida jigifieri aktar ma titla ‘l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta’ kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kienetx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f’Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta’ promozzjonijiet u imbaghad wara jsiru l-Interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta’ l-20 ta’ Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***‘The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.’***

Minn xi sitt snin ‘l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta’ Counselling interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista’ jitlob li jiltaqa’ ma’ ufficjali gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f’dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista jaghraf f’liema kriterju jew kriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex ittejjeb il-performance tieghu u b’hekk ittejjeb konsiderevolment ic-

cansijiet tieghu thal esercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista' jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

In kontro ezami hu qal li kien jifforma parti mill-bord tal-1990. Qal li l-kriterji kienu hamsa mnizzlin fil-collective agreement u l-bord kien jiltaqa', janalizza l-files u jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet u l-bord kien oggettiv kemm jista' jkun. Zied ighid li sal-1990 l-ezercizzju ma kienx ikun maghmul b'mod formali kif beda jsir fl-1992. Hu qabel li fil-promozzjonijiet tal-1990 u dawk kollha antecedenti kien hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni fir-rigward tal-promozzjonijiet, komparat ma' dak li jsir illum. Ikkonferma li kien hemm process fejn il-grad ta' Assistant Manager kien ser jigi phased out u ghalhekk qabel li r-rikorrent ha l-promozzjoni mat-tieni lot fl-1992. Qal li r-riperkussjonijiet li seta' kien hemm fuq ir-rikorrent minhabba dan huma zghar bhal ezempju ghar-rigward ta' seniority in the grade.

Minn depozizzjoni ta' Rene Formosa jirrizulta li kien hemm zmien meta l-Assistant Manager Grade kien ser jigi phased out permezz ta' promozzjonijiet u kienu jigu appuntati ghal Manager I b'ratio ta' 6 minn Assistant Manager u 4 minn Supervisor II. Qal li l-kriterji li kienu juzaw kienu merit, aptitude, kwalifiki, esperjenza u seniority. Qal ukoll li kienu jaraw il-files u jassessjaw fir-rigward tad-diversi kriterji kif ukoll fir-rigward tal-personal knowledge tal-individwi. Qal li fl-1990 kien hemm tahlita ta' kwazi 50-50 ta' dawk li hadu l-promozzjoni u kienu membri kemm tal-MUBE u tal-G.W.U.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li ma lahaqx Manager I minn Assistant Manager fl-1990 izda li fil-fatt hu ha din il-promozzjoni fl-1993. Il-Bank isostni li r-rikorrent ha accellerated promotions ripetutament u ma kienx possibbli li jiehu promotion ohra fi zmien daqshekk qasir. Minn naha tieghu r-rikorrent

sostna li hu kellu seniority aktar u kwalifiki aktar minn xi whud li hadu l-promozzjoni. Ir-rikorrent sostna li qabzuh Ray Aquilina, Ray Azzopardi, Ray Azzopardi, Philip Micallef u Charles Pearsall. Sostna li kellu aktar seniority u kwalifiki minnhom. Infatti meta wiehed ihares lejn il-kwalifiki tar-rikorrent u dawk ta' Raymond Aquilina, Philip Micallef, Raymond Azzopardi u Anthony Camilleri jsib li l-kwalifiki tar-rikorrent huma ferm u ferm superjuri. Ukoll l-appraisal reports annwali tar-rikorrent maghmulin mid-diversi managers huma ta' kwalita` tajba hafna.

Irrizulta b' mod car li r-rikorrent huwa haddiem kapaci u dedikat u infatti dwar dan xehdu diversi nies. Irrizulta wkoll li ma kien hemm ebda ilmenti kontra r-rikorrent tant li l-promozzjoni li ma hax fl-1990 hadha fl-1993.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghar-ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed jikkunsidra l-kwantita` kbira ta' tifhir dwar ir-rikorrent kif ukoll li kellu seniority u kwalifiki aktar minn nies ohra li saru dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif il-bank validament jista' jsostni li ma saritx ingustizzja meta fil-fatt hu ma giex moghti l-promozzjoni minhabba l-fatt li jsemmi li qabel kellu accellerated promotions. Kien jinkombi fuq il-bank li jekk qieghed isostni li r-rikorrent ma kienx haqqu jkun senior tal-persuni l-ohra msemmija jipprova li precedentement saret xi haga irregolari li biha r-rikorrent ma kellux ikun fil-pozizzjoni li kien fiha fl-1987. Infatti l-

bank ma tax raguni valida ghaliex ir-rikorrent ma kellux jinghata l-promozzjoni.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Manager I b'effett mill-1990 mill-istess data li lahqu l-ohrajn u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-bank intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------